# L-Aċċessibilta' tal-Gżira Għawdxija

Dokument preżentat waqt il-Parlament taż-Żgħażagħ 2016.

Magħmul minn: Maria Refalo, Carla Galea, Marie Claire Mizzi, Mario Mizzi, Marta Falzon, Joselyn Teuma, Ritianne Buħaġiar, John Vella u Joseph Teuma.

Settembru 2016

# Kontenut

1 Trasport ....................................................................................................2
1.1 Trasport Publiku.........................................................................................3
1.2 Ferries .......................................................................................................4
2 Infrastruttura ...............................................................................................6
2.1 Airstrip fuq l- istess footprint tal-helipad kurrenti fl- inħawi magħrufa bħala Ta ' Lambert fix-Xewkija ..........................................................................................................6
2.2 Ħin anqas fil-kju biex titla' abbord il-Gozo Channel u soluzzjoni għan-nuqqas ta' spazju biżżejjed fil-parkeġġ ta' taħt l-art.........................................................................8
2.3 Proposta għal-Link Permanenti Bejn il-Gżejjer ......................................................10
2.4 Żieda fin-Numru ta' 'Yacht Marinas' fuq il-Gżira t'Għawdex ....................................12
2.5 Tranġar tal-'Breakwater' ta' Marsalforn, u Possibilita' ta' Zviluppi Ulterjuri ..............14
3 Ekonomija ...................................................................................................14
3.1 Għawdex isir ċentru tal-FinTech. .........................................................................15
3.2 L-Individual Investor Programme jigi modifikat b'mod li Għawdex jibbenefika direttament minnu. 16
3.3 Il-ministeru għal Għawdex għandu jkollu indipendenza ekonomika ...........................17
3.4 *Fibre Optic* Cable f'Ghawdex ...........................................................................*18*
3.5 Insaħħu l-ekonomija ta'Għawdex b' dak li jagħmilha differenti. ...............................18
3.6 Il-Kunsilli Lokali flimkien mal-komunità jaħdmu flimkien biex jixprunaw is-settur tal-propjetà fil-gżira. ..................................................................................................... 20
3.7 Il-Bżonn tat-Tieni Fibre Optic Cable bejn il-Gżejjer ............................................ 20
4 Edukazzjoni ................................................................................................ 21
4.1 Iktar korsijiet kemm fil-Kampus tal-Universita' f'Għawdex kif ukoll fiċ-ċentri tal-MCAST u l-ITS. 22
4.2 Taħriġ fil-ħiliet bażiċi f'Għawdex ........................................................................ 22
4.3 Korsijiet fejn nies ta' kull eta' jkunu jistgħu jitgħallmu ħiliet bħall-bizzilla kif ukoll żifniet folkloristiċi Għawdxin. B'hekk inkunu qegħdin nżommu ħajja l-kultura Għawdxija...........................23
4.4 L-istudenti Għawdxin kollha jkollhom l-opportunità li jagħmlu l-eżamijiet f'Għawdex stess .. 23

4.5 Proġetti immirati għaż-żgħażagħ li jgħinuhom jitrawmu f'valuri sodi u jgħelbu l-isfidi li jiltqgħu magħhom 'il quddiem ........ 23
4.6 Tinfetaħ skola tal-isport ........ 24
4.7 Skola tal-Ingliż għal studenti barranin ........ 25
5 Saħħa ........ 25
5.1 Care and Cure għall-isptar ġenerali ........ 27
5.2 Żieda fl-oqsma speċjalizzati fl-isptar ........ 27
5.3 Il-Qasam Kirurġiku ........ 27
5.4 L-Onkoloġija ........ 28
6 Kontribuzzjonijiet ........ 32

# Introduzzjoni

Il-kwistjoni tal-aċċessibilita' kienet u ser tibqa' xi ħaġa li jbagħtu minnha l-gżejjer kollha, kemm jekk tagħmel lill-gżira nnifisha unika, kif ukoll jekk tippreżenta lilha nnifisha bħala żvantaġġ.

Għawdex, it-tieni l-ikbar gżira li tifforma l-arċipelagu Malti, għalkemm għal dan iż-żmien kollu, irnexxielu jagħmel passi kbar 'il quddiem, xorta waħda baqa' dipendenti fuq il-Gżira Maltija f'diversi oqsma fosthom l-ambitu ekonomiku kif ukoll politiku. Hu għalhekk li ħafna dejjem iħabirku biex jaraw lil Għawdex jimxi 'l quddiem, biex mhux biss igawdu minn Għawdex imtejjeb, il-ġenerazzjonijiet preżenti, iżda wkoll, dawk ġejjiena.

Biex jiġi realizzat dan it-titjib, irridu neliminaw l-akbar għadu tal-avvanzar; **il-passivita'.** L-idejat jeżistu u ġew preżentati, ħafna mill-istudji fuq ċerti proposti saru diġa, issa jeħtieġ li nieħdu azzjoni.

Għalhekk, tul dan is-sajf, ġbarna lista sostanzjali ta' proposti, li aħna ħriġna bihom, fejn uħud minnhom, diġa ilna nisimgħu bihom u oħrajn li bħala grupp ħsibna li japplikaw, biex intejbu l-aċċessibilita' għall-Gżira Għawdxija.

# 1 TRASPORT

Kwalunkwé komunità tiddependi mit-trasport biex taċċessa komunitajiet oħra u biex tkun tista tiġi aċċessata. F'dinja globalizżata fejn kullimkien hu vilaġġ wieħed diġitali, l-aċċessibilità fiżika hi neċessità. L-iżjed forma bażika t'aċċessibilità hi t-trasport. L-UE tinvesti miljuni kbar t'ewro kull sena fit-trasport għaliex huwa fatt magħruf li mingħajr transport adekwat, ma jistax ikollok aċċessibilità adekwata, u mingħajr aċċessibilità adekwata, mhemmx livell ta'ħajja adekwat.

Meta ngħidu "trasport" ma nifhmux dawk il-ħafna meżżi ta' transport li jgawdu minnom biss l-iżjed nies privileġġati fis-soċjetà (eż: private yacht charter, helicopter, etc…). F'din is-sezzjoni qed nevalwaw it-trasport li juża l-pubbliku b'mod inġenerali. B'din il-perspettiva, ninnutaw li l-uniku meżż ta'trasport li affordabli bejn iż-żewġ gżejjer huma l-vapuri tal-Gozo Channel. Barraminnhekk, dawk li m'għandhomx karozza, jiddependu mis-servizz tax-xarabank (immexxi mill-entita governattiva: Malta Public Transport). Dan ifisser li l-accessibilita tal-gzira Għawdxija qed tigi fil-maggoranza taggħa immexxiha mill-gvern

Fid-dawl ta'din is-sitwazzjoni, aħna nipproponu:

## 1.1 TRASPORT PUBLIKU

Residenti Għawdxin, speċjalment studenti, jaghmlu użu frekwenti mit-transport publiku. Għalhekk titjib f'dan is-servizz huwa importanti għall-aċċessibilita' ta Għawdex. Minħabba il-fatt li il-maġġoranza ta l-studenti Għawdxin joqodu fil-viċinanza tal-instituzjoni ta' fejn ikunu jistudjaw, ma jkunx jaghmel sens għalihom li jużaw il-karozzi privati biex jivjaġġaw bejn skola u dar.

Is-servizz tal-linja X1 hu l-iktar użat mil-istudenti Għawdxin, speċjalment il-Ħadd meta l-istudent ikun tiela biex jibda il-ġimgħa, kif ukoll il-Ġimgħa meta jkun jirritorna lura lejn Għawdex. Avolja nagħrfu li sar titjib f'din il-linja, nemmnu li baqa ħafna xi jsir. Problema affaċjata mill-istudenti hi li din il-linja rari tkun fil-ħin kif ukoll tkun mimlija daqs bajda, b'persuni li d-destinazzjoni tagħhom ma' tkunx il port taċ-Ċirkewwa. Nemmnu li din il-problema hi ikkawżata mil-fatt li l-karozza tal-linja iddur wisq għall-karozza li hi immarkata bħala "express". Dawn il-problemi jistgħu jiġu solvuti jekk isir aktar titjib fis-servizz tal-linja X1A, li kull ma topera darbtejn filghodu kmini. Din il-linja tista tkun immirata lejn Għawdxin li id- destinazzjoni tagħhom tkun l-isptar jew l-universita, żewġ amenitajiet li huma nieqsa fil-gżira Għawdxija. In-numru sostanzjali ta Għawdxin li jitilghu Malta speċifikamnt għal dan l-iskop jimmerita li tinħoloq linja għalihom. Il-karozza tal-linja tista' tkun sinkronizzata mal-ħinijiet tal-vapur biex ikollna servizz iktar magħġġel.

Bis-sistema ta' bħalissa l-istudent jieħu medja ta' tliet sigħat biex jasal mil-Imsida għal Għawdex. Apparti t-tidwir ta' diversi lokalitajiet tal-linja X1, l-

istudent jaghmel ħafna ħin jistenna fuq l-istejġ peress li il-karozza tkun tard, kif ukoll ħin jistenna it terminal għal vapur għaliex ikun tilef il vapur, għal darb'oħra, minħabba tidwir żejjed tal-karozza tal-linja li hi immarkata bħala "express".

## 1.2 Ferries

Aċċesibilita' għall-gżira Għawdxija hija restrita għas-servizz tal-vapuri li tieħu ħsiebhom il-kumpanija tal-Gozo Ċhannel. Għaldaqstant huwa ferm importanti li nżidu l-effijenza tal-loġistika tal-kumpanija.

Nipproponu li jkun hemm sit elettroniku li jagħti iktar informazjoni dettaljata, bħal per eżempju: dewmien tas-servizz, servizz irregolari għax ikun hemm ħafna passiġġieri, eċċ. Naqblu wkoll li dan is-sit jinkludi servizz fejn xi ħadd ikun jista' jixtri l-biljett minn fuq is-sit u b'hekk innaqqsu l-ħinijiet ta' stennija u anki l-impatt ekoloġiku. Din il-proposta tista' tiġi wkoll attwata, u b'servizz favorevoli għal ħafna nies, b'mod speċjali żgħażagħ – l-aktar li jaffrekwentaw dan is-servizz – bl-użu ta' mowbajl app li tippermeti li jinxtara l-biljett minn fuqha, kif ukoll tagħti informazzjoni importanti fuq s-servizz.
L-uzu tal-biljetti fis-sistema preżenti jżid l-ħin ta' stennija, filwaqt li għandu impatt ekonomiku fuq il-kumpanija, peress li jrid jinħareġ biljett fiżiku. Fil-każ tal-karozzi aktar agħar, għax wara li jinħareġ il-biljett fiżiku, irid ikun hemm ħaddiem biex jerġa jivverifika l-biljett. Permezz ta' sistema simili bħal tal-'linja ċard' li tista' tiġi implimentata fuq il-vapuri nistgħu nnaqqsu din l-ineffiċenzja u b'hekk inżidu l-aċċessibilita' għal Għawdex. Persuni li ma jużawx din s-sistema jkollhom jħallsu tariffa ogħla biex b'hekk tiġi inkoraġġuta l'użu ta' din is-sistema.

L-aħħarnett huwa ta' importanza li kumpaniji bħall-Gozo Channel iżidu t-trasparenza finanzjarja lejn il-pubbliku, speċjalment meta kumpaniji jkunu ssussidjati mit-taxxa tal-poplu.  Din it-trasparenza tista' tisvolġi f'fondi wżati ħażin u b'hekk dawn il-fondi jkunu jistgħu jintużaw biex tissaħħaħ l-aċċessibilta' ta' Għawdex.

Is-servizz tal-burdnara lejn il-port ta' Sa Maison ġie mwaqqaf peress li l-port ġie pprivatiżżat. B'hekk vetturi tal-merkanzija jimbarkaw mal-vetturi tal-passiġġiera u jnaqqsu ħafna mill-ispazju tal-vapur. Apparti l-impatt ekoloġiku li dan il-fatt qed joħloq,  il-ħin ta' stennija qed dejjem jiżdied speċjalment lejn tmiem il-ġimgħa u fis-sajf.  Għal din ir-raġuni qegħdin nagħmlu proposta biex jinstab port ulterjuri biex vetturi tal-merkanzija jkunu jistgħu jittieħdu direttament għalih u jkollna almenu servizz bħal qabel.

# 2 INFRASTRUTTURA

## 2.1 **AIRSTRIP** FUQ L- ISTESS FOOTPRINT TAL-HELIPAD KURRENTI FL-INĦAWI MAGĦRUFA BĦALA TA ' LAMBERT FIX-XEWKIJA

Minn lenti ekonomika, Għawdex ibati minn insularita' doppja. Il-potenzjal ta' din il-gzira rigward is-settur tat-turiżmu huwa kbir, madanakollu, minkejja l-promozzjonijiet li jippromwovu l-Għawdex bħala lokalita' distinta minn Malta, in-nuqqas ta' aċċess dirett jpoġġi stampa f'għajnejn it-turist, ta' Għawdex bħala post li wieħed iżur fi vjaġġ ta' ġurnata waqt btala f'Malta, milli bħala post fejn wieħed jista jqatta' btala trankwilla f'uħud mill-akkomodazzjonijiet turistiċi ta' kwalità għolja bhal lukandi ta' erba' jew ħames stillel jew farmhouses privati diga' disponibbli f'Għawdex. Permezz ta' aċesss dirett bl-ajru, l-gzira Għawdxija kapaċi ssir destinazzjoni distinta u attraenti għal turisti li jippreferu, jfittxu u japrezzaw it-trankwillita', ix-xenarju u l-istorja fuq il-ħajja mgħaġġla u storbjuża tal-belt. Aktar minn ħamsin fil-mija tat-turisti li jżuru l-Gzejjer Maltin, jżuru l-Għawdex biss fuq vjaġġ ta' ġurnata. Huma biss madwar seba u tminja fil-mija tat-turisti li jqattgħu aktar minn ġurnata waħda ġewwa Għawdex.

Aħna konxji tal-fatt li l-proposta ta' airstrip rurali f'Għawdex ġiet diskussa fis-snin li għaddew imma nixtiequ li d-diskussjonijiet u l-istudji meħtiega rigward vijabilità u ekoloġija ma jieqfux isiru sabiex dan l-iżvilupp jibda' jieħu l-forma tiegħu mill-eqreb żmien possibli. Il-mira tagħna hi di li l-airstrip rurali tibda prinċipalment takkomoda titjiriet interni minn l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta imma ma neskludux il-possiblita' ta' titjiriet diretti minn reġjuni viċini particularment minn Sqallija u l-Italja t'Isfel, it-Tuneżjia u l-Libja. Kemm il-

Gozo Tourism Association, kif ukoll il-Gozo Business Chamber huma favur dan l-iżvilupp għax jemmnu li hu investiment infrastrutturali tajjeb u meħtieg.

L-iżvilupp ta' airstrip jista jkun ta' benefiċċju kbir għal persuni li jkollom xi emerġenza u jkunu jeħtiegu jmorru Malta jew barra minn Malta fl-iqsar hin possibli, meta tinqala sitwazzjoni fejn jkun hemm bzonn ta' speċjalist mediku urġenti, għal nies imdaħħlin fl-eta' u għall-morda (il-ħin tal-ivjaġġar huwa nqas meta kkomperat ma' dak tal-art u l-baħar), għal merkanzija rapida u sigura jew għat-tahriġ tal-ajru u għall-sidien ta' ajurplani privati li jgħixu jew iżuru Malta u li jkollom bżonn ta' destinazzjoni sekondarja urġenti jew jippreferu spazju li hu mbiegħed minn dak ta'ajruport internazzjonali jew għal dawk il-persuni li sempliċiment jaffordjaw u jippreferu jivvjaġġaw b'mezz ta' transport aktar lussuż.

## 2.2 ĦIN ANQAS FIL-KJU BIEX TITLA' ABBORD IL-GOZO CHANNEL U SOLUZZJONI GĦAN-NUQQAS TA' SPAZJU BIŻŻEJJED FIL-PARKEĠĠ TA' TAĦT L-ART.

Waħda mill-problemi sinifikanti li qed jaffaċjaw wiċċhom dawk kollha li jiġu biex jaqsmu bil-vetturra tagħhom minn Għawdex għal Malta permezz tal-Gozo Channel speċjalment matul il-weekend u t-Tnejn filgħodu, hi l-ammont kbir ta' karozzi u l-ħin twil li jkollom jistennew fil-kju sa ma jirkbu l-vapur.

Preżentament, il-biljetti tal-vapur li jservu għal vjaġġ bir-ritorn, jistgħu jinxtraw biss mit-*ticket booths* li jinsabu fit-Terminal ta' Għawdex. Imma tkun idea tajba

li kieku apparti it-*ticket booths* li jeżistu diġa' ġewwa l-Imġarr, jigu ntrdotti kjosks f'xi żewg postijiet prominenti ġewwa Għawdex li huma viżitati freqwentament minn kemm Għawdxin kif ukoll Maltin jew turisti li jippermentu lil dawk kollha li jkunu ħa jivvjaġġaw bil-vapur tal-Gozo Channel jixtru l-biljetti minn hemm. Dawn is-*self-service* kjosks, għandhom potenzjal li joffru aktar konvenjenza, tnaqqis fl-ispiża operazzjoni, żieda fid-dħul u ffrankar ta' ħin konsiderevoli. Din il-proposta tgħin biex jonqos il-ħin li wiehed jqatta' fi kjus twal għaliex jekk persentaġġ qawwi ta' passiġġiera jixtru l-biljetti minn qabel, il-moviment tal-karozzi fil-kju biex jiġu abbord il-vapur ikun aktar mgħaġġel u bla xkiel.

Bla dubju wiehed ma jistax jinjora l-fatt li t-terminal l-ġdid f'Għawdex li ġie inawgurat madwar tmien snin ilu, għen ħafna biex iġib 'il quddiem l-aċċessibilta' bejn il-gzejjer, biss biss ta' min isemmi l-*waiting area* li tesa' madwar sitt mitt passiġier, l-passaġġ pedonali li jwassal lill-passiġġiera dirett għal gol-*arrival/departure lounge*, l-marshall area li tesa' madwar mitejn karozza u l-bini tal-parkeġġ li kapaċi joffri madwar mija u tmenin spazju għall-parkeġġ għal min ikun irid jivjaġġa bejn Għawdex u Malta bla karozza kif ukoll għall-ħaddiema tal-Gozo
Channel. Madanakollu ma nistgħux inħallu barra l-fatt li ħafna drabi, minħabba l-influss qawwi ta' Għawdxin li jaqsmu bil-mixi ta' kuljum, il-parkeġġ imsemmi ma jlaħħaqx mad-domanda tan-nies li jkunu jixtiequ jħallu l-karozza tagħħhom hemmhekk.

Is-soluzzjoni ovja għal problema bħal din hija t-tkabbir tal-parkeġġ innifsu jew bini ta parkeġġ ieħor. Nifmhu li proposta bħal din għandha mnejn tinstema

mhux daqsheekk vijabbli minħabba problemi infrastrutturali u minħabba l-fatt li t-terminal il-ġdid ġie inawgurat biss madwar ftit tas-snin ilu. Għalhekk, bħala suġġeriment għall-futur qarib, li ma jirrikjedix wisq taħbit biex jiġi fis-seħħ, nemmnu li tkun idea tajba jekk tiġi ntrodotta sistema fejn il-ħaddiema tal-Gozo Channel ikunu jistgħu jaslu fuq il-post tax-xogħol u lura lejn id-dar permezz ta' minibuses jew permezz ta' sistema tal-carpooling li tkun organizzata mill-kumpanija nnifisha. B'hekk, il-postijiet li hemm fil-parkeġġ, ikunu jistgħu jintużaw minn ħaddiema Għawdxin li jaħdmu Malta, jew nies oħra sejrin lejn Malta, li jkunu jixtiequ jħallu l-karozzi tagħhom hemmhekk matul il-ġurnata jew matul il-lejl, sakemm jiġu lura.

## 2.3 Proposta għal-Link Permanenti Bejn il-Gżejjer

Mingħajr dubju ta' xejn, l-iktar soluzzjoni li tibqa' priojorita' meta jiġi għat-titjib tal-aċċessibilita' ta' bejn il-gżejjer, hija l-link permanenti, li ilhom jisħqu fuqha diversi organizzazzjonijiet u gruppi fosthom il-Gozo Business Chamber, il-'Front Favur il-Mina' u diversi oħrajn. Hija wara kollox soluzzjoni, li għalkemm tinvolvi proġett kbir, wieħed mill-ikbar li qatt saru fuq il-gżejjer, żgur li fit-tul, l-effetti pożittivi tagħha ser ipoġġu lill-pajjiż kollu, b'mod speċjali lil Għawdex fuq pjattaforma ogħla, pjattaforma li wara kollox tant hija mistħoqqa minnu.

Għawdex għandu potenzjal qawwi, potenzjal li m'aħniex nagħmlu użu siewi minnu. Potenzjal li jista' jpoġġi lil Għawdex pari passu ma' Malta wara dan iż-żmien kollu, fejn Għawdex dejjem kien dell tal-gżira l-kbira. Huwa essenzjali li nibdew nirrealizzaw li ma jistax ikun li Għawdex u l-Għawdxi jibqgħu dejjem it-tieni l-aktar preferuti. Hemm bżonn li l-perċezzjoni f'għajnejn il-Gvern, l-Oppożizzjoni u l-popolazzjoni kollha kemm hi, tinbidel drastikament. Hemm bzonn wieħed jibda jirrealizza li s-sistema kif qed topera preżenti, fejn il-fliegu ta' bejn il-Gżejjer ikun miftuħ biss għal madwar għaxar minuti kull siegħa, ma tistax tibqa fis-seħħ. Fis-sitwazzjoni preżenti, tkun gidba li niġġeneralizzaw u ngħidu li l-pajjiż huwa kollu kemm hu żviluppat, li l-ekonomija

qiegħda kull ma jmur tmur għall-aħjar, li x-xogħolijiet qiegħdin jiżdiedu. Għawdex mhuwiex igawdi mill-istess titjib, bl-istess rata li qiegħda tgawdi minnu Malta.

Saru numru ta' studji fosthom ir-rapport tal-JASPERS ir-rapport miċ-*China Communications Construction Company* u l-aktar wieħed riċenti f'Ottubru tal-2015, ir-rapport ta' Dr. Gordon Cordina kkumissjonat mill-Gozo Business Chamber bl-għajnuna tat-Transport Malta. Ghalhekk nipproponu li skont dan ir-rapport, għandha tiġi serjament ikkunsidrata s-Sub Seabed Tunnel bħala l-aktar għażla vijabbli mit-tliet għażliet li jagħti hu, fosthom is-sistema preżenti bil-vapuri, jew inkella il-pont.

Il-vantaġġi ta' link permanenti bħal din huma diversi. L-aktar wieħed ovju huwa t-tnaqqis fil-ħin tal-ivjaġġar ta' bejn il-gżejjer minn madwar ħamsin minuta b'kollox, għal madwar tnax-il minuta bil-link. Skont ir-rapport, il-valur tal-ħin tax-xogħol moħli jista' jittieħed għal madwar €15/siegħa, fil-waqt li għar-rikreazzjoni jittieħed għal madwar €7 kull siegħa.[1] Kull min jagħmel il-kalkoli, faċilment jirrealizza kemm l-Għawdxi jew kull min jivjaġġa bil-vapur qiegħed jitlef mhux biss ħin, iżda wkoll ħafna flus.
Ma rridux ninsew li minn aspett ambjentali, il-vapuri, jiġġeneraw ħafna poluzzjoni fl-arja. U kull ma jmur, din is-sitwazzjoni aktar tiggrava minħabba li tonqos l-effiċjenza tagħhom. Bħalissa, il-vapuri li għandna, qiegħdin jiġġeneraw madwar 3.2 tunnellati ta' emmissjonijiet, għal kull tunnellata ta' fjuwil li jintuża għall-vapuri.[2]

Ovvjament, il-benefiċċji soċjali ma jonqsux, fejn link permanent tibda tagħmilha ħafna iktar faċli biex wieħed jivvjaġġa mingħajr ma jkollu bżonn joqgħod attent għal skeda u ħinijiet ta' vapuri. Il-problema tat-temp tissolva fejn f'maltemp qawwi fejn il-vapur hemm ċans li ma jaħdimx jew li l baħar ikun imqalleb ħafna, mhux ħa taffetwa l-użu tal-mina. Barraminhekk, meta ostaklu bħal dan jinegħleb totalment permezz ta' link, awtomatikament ser jaffetwa l-ekonomija ta' Għawdex, fejn diversi intraprendituri u

[1] Guidance Manual for Cost-Benefit Appraisal in Malta, PPCD, Government of Malta, April 2013

[2] F'Malta, jintużaw madwar 4450 tunnellati kull sena.

negozji, ma jibqgħux jarawha xi ħaġa ta' barraminhawn, jew xi ħaġa diffiċli li ser ttellifhom il-flus, li jissetiljaw fuq Għawdex.

Infatti, punt ieħor li jeħtieġ li wieħed isemmi, huwa li biex wieġed iżid il-GDP t'Għawdex[3] jew biex ikun hemm żieda fir-rata tal-impjiegi[4], il-link hija essenzjali, pero mhijiex ser tkun effettiva daqs li kieku wieħed jagħmel inċentivi biex iżid l-investiment f'Għawdex. Eżempju wieħed huwa l-iskola tal-mediċina ta' *Barts*. Huwa meta dawn iż-żewġ aspetti jaħdmu flimkien, li vera nibdew naraw ċaqlieqa fl-ekonomija ta' Għawdex.

## 2.4 Żieda fin-Numru ta' 'Yacht Marinas' fuq il-Gżira t'Għawdex

L-ewwel nett nawguraw ix-xogħol li sar fuq il-Yacht Marina tax-Xatt Għawdex, flimkien mat-titjib fuq il-Waterfront taż-Żewwieqa, li joffri fost l-oħrajn post ta' rikreazzjoni għal kull min huwa entużjast tal-baħar u tal-bċejjeċ tal-baħar. Barraminhekk, ċertament li post bħal dan qiegħed jikkontribwixxi bis-sħiħ kemm għas-soċjeta' inġenerali u lokali, kif ukoll għall-influss ta' turisti li jkollu Għawdex.

Iżda ma nistgħux nonqsu milli nsemmu l-fatt li din hija l-unika marina li għandna fuq il-Gzira, li ma tistax tintuża matul l-istaġuni kollha tas-sena. Aktar ma beda jgħaddi żmien, aktar bdiet tiżdied id-domanda għal mollijiet ma' fejn jistgħu jintrabtu dgħajjes ta' kull daqs, fosthom Yachts kbar, li ħafna minnhom huma l-propjeta' ta' barranin, li jistgħu jitqiesu bħala ta' turisti li jtejbu l-kwalita' tat-turiżmu tagħna u mhux biss il-kwantita'. Dan rajnih Malta, fejn tant żdiedet id-domanda, li maż-żmien żdiedu l-Marinas ta ' Portomaso, ta' Sa Maison, ta' Vittoriosa, kif ukoll saret rinovazzjoni tal-Marina tal-Imsida fost oħrajn.

Għawdex, ukoll qiegħda tinħass il-bżonn għal iktar postijiet bħal dawn, iżda sfortunatament, il-Marina tax-Xatt għandha limitu u ma tistax tiġi imkabbra kemm hemm

---

[3] Li fil-mument huwa madwar 70% tal-medja nazzjonali

[4] Fil-mument Għawdex qiegħda madwar 42% meta mqabbla ma' Malta li qiegħda madwar 47%

bżonn biex tlaħħaq mad-domanda, b'konsegwenza, li qed jintilfu sidien barranin ta' dawn id-dgħajjes u jmorru f'pajjiżi oħra. Għawdex qiegħed jitlef ħafna dħul li jista' jkollu ipotetikament, li kieku seta' joffri dan is-servizz, b'kaġun li ser jibqa' dejjem ħafna passi lura minn Malta.

Għalhekk, wara li l-Bord tal-Awtorita' tal-Ippjanar, ħa deċiżjoni kontra l-iżvilupp ta' Ħondoq ir-Rummien li kien jinkludi Marina li toffri 150 irmiġġ, qiegħdin ninkuraġġu li jew ikun hemm emendi fl-istess żvilupp b'tali mod li jkun jista' jintlaħaq xi tip ta' ftehim, inkella, jinstab port ieħor fejn ikun hemm il-possibilita' ta' żvilupp simili.

## 2.5 Tranġar tal-'Breakwater' ta' Marsalforn, u Possibilita' ta' Zviluppi Ulterjuri

Riċentament, rajna kif minħabba l-ħsara li kienet saret lill-breakwater ta' Marsalforn, qiegħdin ibagħtu l-lokali tal-villaġġ, u qiegħed ikollu jintefaq ammont sostanzjali ta' flus kull darba li tinqala' maltempata u l-baħar jitqalleb, peress li l-mewġ stess jikkawża ħsarat sostanzjali fil-Promenade ta' Marsalforn, kif ukoll, f'Lulju li għadda, fil-'waterpolo pitch' il-ġdida, li fuqha kienu ntefqu ħafna flus.

Għalhekk, nipproponu li jew il-Gvern jieħu din is-sitwazzjoni f'idejh u jara li jiġi renovat il-'breakwater', inkella, jidħol ukoll is-settur privat, fejn żviluppi oħra bħal yacht marina, reklamazzjoni tal-art, faċilitajiet għall-watersports, fost l-oħrajn. Dan kollu jservi biex jagħmel lil Għawdex aktar aċċessibli u attraenti.

## 2.6 Il-Bżonn tat-Tieni Fibre Optic Cable bejn il-Gżejjer

Hija proposta oħra li ħafna ilhom jisħqu fuqha, iżda bir-raġun peress li mingħajr dubju, fil-ġurnata tal-lum, it-teknoloġija dejjem qed tavvanza, u wieħed kważi kważi jsibha impossibli biex jaħdem mingħajr kompjuter u internet. Jekk aċċidentalment, tinqala' xi tip ta' problema fil-*cable* preżenti, Għawdex kollu jispiċċa jbati, u sakemm tissewwa l-problema, dawk li ser jintlaqtu l-iżjed huma l-intrapriżi li joperaw mill-Gżira ż-żgħira.

Għalhekk, qieghdin nerġgħu nipproponu li jibdew il-passi biex jiġi ssetjat fibre optic cable ieħor bejn il-gżejjer, li żgur mhux forsi ser ikun ifisser aktar sigurta' għal kull min jiġi jaħdem minn Għawdex, u wkoll huwa inċentiv biex jitħajru jiġu joperaw intrapriżi oħrajn.

# 3 EKONOMIJA

L-ekonomija ta'Malta qed tikber b'rata iżjed mgħaġġla minn dik tal-pajjiżi l-oħra tal-UE. Għawdex (l-izjed reġjun distint minn Malta) jikkontribwixxi 5% tal-GDP ta'Malta. Din hi figura baxxa meta tqis li l-popolazzjoni t'Għawdex hi 8% ta'Malta. Dan ifisser li Għawdex mhux qed ikollu aċċessibilità għat-tkabbir ekonomiku li qed tesperjenza Malta.

Sabiex tiżdied l-aċċessibilità ekonomika, hemm bżonn ta' aktar aċċessibilità fit-trasport u anke permezz ta' link permanenti kif imsemmi fl-ewwel u fit-tieni sezzjoni ta' din il-policy paper. Però t-trasport u l-infrastruttura jkopru biss aċċessibilità fiżika. Din is-sezzjoni se tagħti proposti dwar kif nistgħu ntejbu l-aċċessibilità li
Għawdex għandha għall-ekonomija Maltija.

Fid-dawl ta'din is-sitwazzjoni aħna nipproponu:

## 3.1 GĦAWDEX ISIR ĊENTRU TAL-FINTECH.

Din il-proposta ġiet imqajma minn EY Malta, imma aħna qed nżidu li dan iċ-Ċentru tal-Fintech flok jsir f'Malta isir f'Għawdex. Dan jawgura tajjeb mal-fatt li l-maġġoranza tal-ħaddiema Għawdxin f'Malta jaħdmu jew fil-qasam tas-Servizzi Finanzjarji jew fil-Qasam tal-informatika. B'hekk b'din il-proposta nwaqqfu l-*brain drain* li qed jesperjenza Għawdex u minflok nibdew naraw tkabbir ekonomiku sostanzjali b'nies Għawdxin jaħdmu f'Għawdex.

Sabiex jitwaqqaf ċentru tal-FinTech mhemmx bżonn xi investmenti kapitali kbar.

Din il-*policy paper* mhix se tiffoka fuq x'hemm bżonn li jsir sabiex jinfetaħ ċentru tal-Fintech għaliex hemm bosta dokumenti u *policies* li juru dan. Aħna qed niffukaw fuq Għawdex. L-unika ħaġa infrastutturali li fadal

bżonn isir biex Għawdex ikun destinazzjoni idejali għall-Fintech hu li jitqiegħed *fibre optic cable* bejn Malta u Għawdex. Dan jista' jsir minn wieħed mill-*Internet Service Providers* kbar ta'Malta b'sussidju żgħir mill-Gvern.

### 3.2 L-Individual Investor Programme jiġi modifikat b'mod li Għawdex jibbenefika direttament minnu

Waħda mill-kriterji ta' dawk li jagħmlu użu minn dan il-programm hi li jixtru/jikru propjetà. Aħna nipproponu li tingħata l-inċetiva li dawk li jixtru/jikru propjetà f'Għawdex jingħataw skont ta 10% fuq il-valur minimu li jridu jinvestu, b'hekk aktar barranin jixtru propjetà f'Għawdex u Għawdex ikun igawdi minn dan is-sors ta'dħul barrani.

Barraminnhekk, in-*National Development and Social Fund* li fiha ċ-ċittadini ġodda jagħtu kontribuzzjoni għandha tiġi modifikata. Il-modifika għandha tikkonsisti filli talanqas 15% tad-dħul f'dan il-Fond jiġi dedikat esklussivament għal Għawdex (taħt it-tmexxija tal-Ministeru għal Għawdex). B'dan id-dħul

ġdid għand il-Ministeru t'Għawdex, il-ministeru jkun jista jinvesti fil-proposti imsemmijin f'din is-sezzjoni (bħal: inċentivi fiskali u fibre optic cable).

## 3.3 IL-MINISTERU GĦAL GĦAWDEX GĦANDU JKOLLU INDIPENDENZA EKONOMIKA

L-ideja t'indipendenza politika t'Għawdex minn Malta ma hix vijabbli. Mhuwiex fl-interess t'Għawdex li jkun stat indipendenti. Għawdex mhuwiex reġjun iktar sinjur minn Malta, imma reġjun b'GDP iżjed baxxa, allura Għawdex ma jistax jagħmel bħalma Catalonia qed tipprova tamel fi Spanja.

Għawdex laqqas jista' jagħmel bħall-Iskozja u jgħid li xi darba kien pajjiż sovran. Għawdex huwa parti mir-Repubblika ta'Malta u hekk għandu jibqa'.

Però minħabba l-insularità doppja t'Għawdex (gżira ġo gżira), l-inċentivi ekonomici li jsiru għall-gżira ta'Malta jista' jkun li ma jkunux daqshekk effettivi f'Għawdex. Aħna u niktbu din il-*policy paper* innutajna ukoll li tul dawn l-aħħar 3 snin il-
Ministeru għal Għawdex ġie virtwalment ridott għall-Kunsill Reġġjonali. Minn mindu l-edukazzjoni u s-saħħa f'Għawdex qed jiġu mmexxija mill-ministeri rispettivi, il-ministeru għal Għawdex spiċċa jieħu ħsieb affarijiet li normalment isiru minn Kunsill Reġjonali. Dan qed jirriduċi l-abbilità li Għawdex joħloq setturi ġodda fl-ekonomija tal-gżira skont f'xiex il-*workforce* Għawdxija hi l-iżjed midħla.

Għalhekk aħna nipproponu li l-Ministeru għal-Għawdex ikollu aktar indipendenza fil-qasam ekonomiku t'Għawdex. B'hekk Għawdex ikun jista jgawdi aċċessibilità għat-tkabbir ekonomiku ta'Malta bl-aktar mod effettiv (għaliex ikunu l-Għawdxin stess li qed jaraw kif b'dak li aħna u b'dak li għandna nkunu nistgħu nikbru ekonomikament). Dan jista jseħħ billi fil-Budget tal-Gvern l-affarijiet relatati m'Għawdex ikunu deċiżi mill-Ministeru għal Għawdex, kif ukoll bl-inċentivi li se jissemmu aktar 'il quddiem f'din is-sezzjoni.

## 3.4 *Fibre Optic* Cable f'Ghawdex

Jiġi estiż għal Għawdex is-servizz veloċi tal-internet bil-Fibre Optic cable. Din hija inizzjattiva li minnha innifisha tgħin biex f'Għawdex jiżdiedu kumpniji tat-teknoloġija li jpoġġu lill-gżira Għawdxija fuq l' istess skala ta Malta u ta' pajjiżi internazzjonali. Barra li l-estensjoni tal-fibre optic cable tħajjar kumpaniji ġodda biex jiftħu fil-gżira Għawdxija, u dawk ezistenti biex jagħmlu *branch* oħra, jiżdiedu l'impjiegi f'Għawdex u huwa ta'beneficcju kbir għall-ħaddiema

Għawdxin li huma speċjaliżżati f'dan il-qasam, biex isibu xogħol f'Għawdex stess u ma jkollomx għalfejn jitilgħu Malta.

## 3.5 Insaħħu l-Ekonomija t'Għawdex b'dak li Jagħmilha Differenti.

Wieħed mill-fatturi li jiġbed lit-turisti u l-Maltin lejn Għawdex huwa il-pajsaġġ pittoresk, fejn il-ħajja rurali u dik kulturali jispikkaw. L-iżvillupp ekonomiku m' huwiex biss dak li jirrigwardja l-bini u l-kumpaniji, iżda anke dak tal-preservazzjoni tal-kultura. L-iżvilupp fuq Għawdex għandu jkun wieħed sostenibbli fejn l-iżvilupp jimxi id f'id mal-ambjent kulturali u rurali. It-turisti u l-Maltin l-aktar li jfittxu lil Għawdex huwa minħabba l-ambjent rurali u kwiet, li huwa kemmxejn differenti minn dak ta'Malta. Il-Pajsaġġ Malti u is-sengħa tal-biedja għandu jingħata aktar importanza. Għandu jkun hemm aktar inizzjattivi biex ix-xogħol tal-bidwi ma jintilifx. Għandhom jingħataw inċentivi monitarji lill-bdiewa biex jieħdu ħsieb l-għelieqi tagħhom u jkabbru ħxejjex tipiċi Maltin. Dan huwa ta' gwadann għall-ekonomija ta' Għawdex mhux biss minħabba l-qliegħ li jkun hemm mill-ħxejjex iżda wkoll fit-tisbieħ tal-kampanja li jkun riklam għat-turisti prospettivi.

Festi u attivitajiet f'Għawdex għandhom jiġu sponsorjati biex aktar nies iżuru Għawdex. Riklami t'attivitajiet li jkunu ser isiru fil-gżira bħal-festi tal-villaġġi fis-sajf kif ukoll dawk ta'matul is sena bħal Milied u l-Għid il-Kbir, iżidu wkoll l-interess f'Għawdex. Attivitajiet ta'folklor u kultura għandhom jiġu riklamati ukoll biex jattendu aktar nies. Wiehed ihoss li f'Malta isiru aktar attivitajiet li jigbdu it-turisti lejha.  Minhabba f'hekk wiehed jippromovi li jsiru aktar attivitajiet f'Ghawdex li b'hekk tkun promossa l'accessibilta ta'Ghawdex.  Dan jista' jsir billi jkun hemm sussidju fin-noll tal-vapur kif ukoll aktar aċċessibiltà faċli permezz tat-trasport pubbliku, bħal ma ġara fil passat f'diversi attivitajiet.

Is-sengha tal-bizzilla u l-folklor bħaż-żfin u l-għana, ma għandhomx jintilfu għax barra li huma attivitajiet li jkunu mfittxa fil-gżira Għawdxija, jagħmlu wkoll parti integrali mill-kultura ta'pajjiżna. Studenti permezz ta' proġetti għandhom ikunu aktar mgħarfa fuq is-snajja tal-kultura, kif ukoll jiżdied l-istudju u jinħolqu programmi biex din is-sengħa ma tintilifx imma tgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra.

### 3.6 IL-KUNSILLI LOKALI FLIMKIEN MAL-KOMUNITÀ JAĦDMU FLIMKIEN BIEX JIXPRUNAW IS-SETTUR TAL-PROPJETÀ FIL-GŻIRA.

Mod iehor kif tista' tiżdied l aċċessibiltà t' Għawdex mill-aspett ekonomiku huwa permezz ta' inċentivi lill- *businesses* lokali u anke individwi biex jirranġaw djar qodma li għandhom importanza arkitettonika li jagħtu dehra isbaħ lil Għawdex.
Dawn il-binjiet ikunu jistgħu jinkrew lil nies li jkunu iridu jqattgħu xi jiem f'Għawdex. Skont statistika tal-Malta Tourism Authority mill-1.6 miljun turist li jqattgħu lejl (jew iżjed f'Malta) huma biss 86,951 li jqattgħu talanqas lejl f'Għawdex. Permezz taż-żieda tal-*farmhouses* jew il-postijiet għall-kiri, ikun possibli iż-żieda fl-ammont ta' turisti. Il-Kunsilli Lokali permezz ta'fondi jistgħu jnaddfu l-widien u jgħollu l-livell tal-faċilitajjiet turistiċi, bħal tabelli t' informazzjoni u oħrajn. Riċerka fuq kif wieħed jista' jgawdi minn servizzi t' agrituriżmu u akwaturiżmu, tista tkun ta' benefiċċju kbir ukoll għall-ekonomija t'Għawdex.

Għalhekk, qieghdin nerġgħu nipproponu li jibdew il-passi biex jiġi ssetjat fibre optic cable ieħor bejn il-gżejjer, li żgur mhux forsi ser ikun ifisser aktar

sigurta' għal kull min jiġi jaħdem minn Għawdex, u wkoll huwa inċentiv biex jitħajru jiġu joperaw intrapriżi oħrajn.

# 4 EDUKAZZJONI

Bla dubju ta' xejn edukazzjoni tajba hija fundamentali biex illum il-ġurnata l-ħajja tkun waħda kompluta. Matul is-snin saru diversi proġetti u inċentivi li jtejbu l-edukazzjoni f'Għawdex u li joffru iktar sostenn lill-Għawdxin li jkollhom jitilgħu jistudjaw Malta. Infatti huwa estimat li 'il fuq minn elf student Għawdxi qegħdin ikomplu jistudjaw f'edukazzjoni terzjarja. Dan huwa ta' inkorraġġimanent kbir meta mqabbel ma' għaxar snin ilu fejn juri li l-ammont ta' studenti Għawdxin li qed ikomplu jistudjaw wara l-iskola sekondarja rdoppja. Pero' bla dubju ta' xejn hemm lok għal ħafna iktar ħidma biex inkunu nistgħu intejbu l-edukazzjoni ta' l-Għawdxin f'kull livell u naħdmu biex neliminaw l-illiteriżmu.

Apparti mil-link permanenti kif imsemmi fil-bidu ta' din il-policy paper u li żgur tħeġġeġ iktar studenti Għawdxin ikomplu jistudjaw f'livell terzjarju peress li jnaqqas ħafna mill-iskariġġ u t-telf ta' ħin, aħna nipproponu:

## 4.1 IKTAR KORSIJIET KEMM FIL-KAMPUS TAL-UNIVERSITA' F'GĦAWDEX KIF UKOLL FIĊ-ĊENTRI TAL-MCAST U L-ITS.

Hemm bżonn li nkomplu norganizzaw iktar korsijiet f'Għawdex stess. Irridu nirrikonoxxu li matul dawn l-aħħar snin inħolqu diversi korsijiet li fost l-oħrajn jinkludu dawk li jwasslu għal Diploma in Facilitating Inclusive Education għal-Learning support Assistants Għawdxin, Diploma jew Baċellerat fil-Kummerċ, Baċċellerat fil-Kriminoloġija, MBA, kif ukoll

Masters fit-Traduzzjoni u Hospitaller Studies. Dawn nistgħu ngħidu li kienu ta' suċċess kbir u raw żieda kostanti ta' parteċipanti matul is-snin. Huwa mportanti għalhekk li nibnu fuq it-tajjeb li diġa sar u nkomplu nżidu miegħu billi noħolqu iktar korsijiet f'Għawdex għall-Għawdxin. Irridu wkoll nkomplu nżidu l-korsijiet part-time għall-impjegati Għawdxin li jaħdmu fuq bażi full-time u li għalhekk ma jistgħux jattendu korsijiet part-time f'Malta. Dan għaliex il-ħin ma jippermettix li wieħed jaqsam minn Għawdex għal Malta wara x-xogħol biex jattendi kors universitarju f'Malta.

## 4.2 TAĦRIG FIL-ĦILIET BAŻIĊI F'GĦAWDEX

F'Għawdex hemm bżonn ta' korsijiet immirati għal nies minn żgħażagħ sa anzjani li għal xi raġuni telqu mill-iskola u għadhom illitterati. Dawn il-korsijiet għandhom jgħinuhom jiżviluppaw ħiliet bażiċi bħal kitba, il-kompjuter u anke xi snajja. Dan jgħin ukoll biex inaqqas in-numru ta' nies qiegħda f'Għawdex.

## 4.3 L-ISTUDENTI GĦAWDXIN KOLLHA JKOLLHOM L-OPPORTUNITÀ LI JAGĦMLU L-EŻAMIJIET F'GĦAWDEX STESS

F'dawn l-aħħar snin saret ħidma konġunta bejn l-Għaqda Studenti Universitarji Għawdxin, il-Kunsill Studenti Universitarji kif ukoll mill-gvernijiet biex l-istudenti Għawdxin jingħataw l-opportunità li jersqu għall-eżamijiet tagħhom f'Għawdex stess. Dan jgħin biex inaqqas ħafna mill-

istress tal-istudenti peress li jkunu mdawrin bis-support tal-familji tagħhom waqt dawn il-mumenti intensivi ta' studju. Din il-ħidma uriet il-frott hekk kif illum 98% tal-istudenti Għawdxin jistgħu jagħmlu l-eżamijiet f'Għawdex.

Sfortunatament għalkemm Il-KSU flimkien mal-MMSA qiegħdin jaħdmu bis-sħiħ, għadu xejn m'hu konfermat rigward dan, u kollox għadu fl-arja fuq jekk l-istudenti tal-mediċina Għawdxin humiex ha jingħataw din l-opportunita'is-sena d-dieħla u s-snin ġejjiena.

## 4.5 Proġetti immirati għaż-żgħażagħ li jgħinuhom jitrawmu f'valuri sodi u jegħlbu l-isfidi li jiltaqgħ magħhom 'il quddiem

L-esperjenza tal-istudenti Għawdxin turi kif ġaladarba l-istudenti jiggradwaw mill-iskola post-sekondarja Sir M.A. Refalo, ftit huma dawk li jkunu jafu x'se jsibu u għalxiex iridu jippreparaw meta jibdew jgħixu f'Malta. Dawn l-istudenti jridu awtomatikament jgħixu din l-esperjenza 'il bogħod mid-dar u mill-familja tagħhom u dan sakemm ma jiddeċidux li joqogħdu jaqsmu bejn Malta u Għawdex ta' kuljum. Għalkemm l-istudenti Għawdxin ikunu serrħu rashom li sabu appartament fejn jikru jew inkella li sabu appartament tal-familja, ftit jagħtu każ dwar l-indipendenza li f'daqqa waħda se jkunu akkwistaw u li ġġib magħha responsabbilita' kbira.

Hemm bżonn li jsiru progetti bil-għan li jgħinu lill-Għawdxin jippreparaw lilhom infushom għal din it-tranżizzjoni. Dan il-proġett għandu jkun jinkludi sezzjonijiet interattivi, diskussjonijiet, laqgħat u taħriġ teoretiku bil-għan li

jgħin lill-Għawdxin jiżviluppaw l-ħiliet li għandhom bżonn – pereżempju t-tqassim tal-ħin, t-tqassim tal-flus, x'tixtri x'tiekol. Il-proġett għandu jkun jinkludi wkoll live-ins f'kundizzjonijiet simili għal meta se l-istudenti jkunu qed jgħixu fl-appartament f'Malta. Fl-istess ħin, dan il-proġett ikun qed irawwem lill-istudenti f'valuri sodi li jgħinuhom biex ikunu ċittadini responsabbli u li diffiċli jitgħallmuhom minn fuq il-bank tal-iskola – valuri ta' solidarjetà, rispett, ġustizzja, mħabba u ħbiberija sinċiera. Proġett simili sar fil-passat mill-Oratorju Don Bosco fuq skala żgħira u kien ikkofinanzjat mill-Unjoni Europe .

## 4.6 TINFETAĦ SKOLA TAL-ISPORT

B'hekk l-istudenti ikollhom l-opportunità li jissaħħu fil-ħiliet fiżiċi tagħhom. Dan jipprerahom ferm aħjar biex jikkompetu mhux biss mal-klabbs Għawdxin, kif ukoll mal-klabbs Maltin. Mhux hekk biss imma anki jieħdu sehem f'tournaments fuq livell internazzjonali għax bla dubju t-talent Għawdxi għandu jiġi apprezzat u rikonoxxut daqs dak Malti.

## 4.7 IKTAR SKEJJEL TAL-INGLIŻ GĦAL STUDENTI BARRANIN

Nipproponu li jinfetħu xi skejjel oħrajn tal-ingliż għal studenti barranin li jixtiequ jiġu jitgħallmu l-Ingliż fil-gżira Għawdxija. Dawn l-iskejjel huma importanti ghaliex apparti milli jippromwovu l-multikulturaliżmu, iwasslu

għal ħolqien ta’ iktar impjiegi għall-għalliema u ż-żgħażagħ, u huma sors ta’ profitt għall-lukandi u kumpaniji tal-kummerċ.

# 5 SAĦĦA

Nemmnu li l-investiment fis-settur tas-saħħa f'Għawdex jista' jilħaq il-potenzjal tiegħu biss jekk ikun hemm konnessjoni permanenti bejn iż-żewġ gżejjer. Dan partikularment meta bħalissa bħal ma semma milux il-membru Parlamentari Franco Mercieca, it-tobba speċjalizzati qed isibuha diffiċli jieħdu pożizzjoni ta' konsulent fl-isptar ta' Għawdex, u dan għal diversi raġunijiet fosthom iċ-ċans limitat għal xogħol privat minħabba l-popolazzjoni żgħira ta' Għawdex kif ukoll minħabba opportunitajiet limitati biex javvanzaw fil-karriera tagħhom. Huwa fakkar li l-isptar ta madwar 400 sodda u l-iskola medika li se jsiru f'Għawdex se jirrikjedu dan it-tip ta' speċjalisti liema speċjalisti ma jistax ikun li dawn ikunu residenti f'Malta, u jekk ikun hemm il-bżonn jaqbdu vapur għal Għawdex għaliex f'każ ta' emerġenza jintilef ħafna ħin prezzjuż. Pero' żgur li hemm iktar miżuri li jistgħu jittieħdu biex itejbu is-sitwazzjoni tas-saħħa f'Għawdex.

Nixtieq nibda billi nfaħħar il-proġett tal-air ambulance li ġie inawgurat ftit tal- ġimgħat ilu mill-Ministru għal Għawdex. Dan il-proġett huwa ta benefiċċju kbir peress li se jkun utli għal emergenzi tas-saħħa f'Għawdex. Problema b'dan il-proġett huwa n-nuqqas ta' helipad f'Mater Dei. Dan jfisser li l-air ambulance trid tmur l-ewwel lejn St. Luke's, u l-pazjent jittieħed għand Mater Dei permezz ta' ambulanza. Minħabba f'hekk, ħin prezzjuż se jkun qed jintilef, speċjalment f'każ gravi. Pjanijiet sabiex ssir helipad f'Mater Dei għadhom mhux deċizi u fl-opinjoni tagħna, dan il-helipad għandu l-potenzjal sabiex jtejjeb l-accessibilita' tas-saħħa tal-pazjenti Għawdxin.

## 5.1 Care and Cure għall-isptar Ġenerali

Bħalma hemm il-website tal-Care and Cure għall-isptar Mater Dei, tajjeb li kemm il-pazjenti , kif ukoll il-familjari tagħhom ikollhom użu minn dan is-servizz . Fiha tajjeb li jkun hemm servizzi bħal direttorju tat-telefown tal-oqsma rispettivi , ħinijet tal-aċċess tal-isptar , kif ukoll il-ħinijet meta wieħed jista' jmur jara l-pazjenti.

## 5.2 Żieda fl-oqsma speċjalizzati fl-isptar

Iż-żmien huwa xhieda ta' kemm l-isptarijet f'Malta u Għawdex dejjem avvanzaw u ħadmu biex lil poplu joffrilu l-aqwa servizz possibli billi dejjem javvanza fir-riċerka tiegħu. Għalhekk aħna naħsbu li l-isptar għandu jkompli jifflorixxi u mhux biss jkompli joffri s-servizzi li qiegħed joffri bħalissa iżda jżid aktar servizzi bħal klinika tal-GU, dik tal-ENT u ħafna oħrajn. Dan in-nuqqas joħloq inkonvenjenza lil poplu Għawdxi li jkollu jaħli ġurnata biex jivvjaġġa lejn Mater Dei.

## 5.3 Il-Qasam Kirurgu

Huwa fatt magħruf li għal ċertu operazzjonijiet bħal ngħidu aħna bypass, PCI's u operazzjoniet oħra tal-qalb ma jsirux fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex minħabba n-nuqqas tal-apparat meħtieġ. Din hija allarmanti meta nieħdu f'konsiderazzjoni li qiegħdin fis-sena 2016 meta d-dinja tal-mediċina hija avvanzata ħafna. It-tieni meta dawn isiru fil-gżira Maltija! Allura nistaqsu

għaliex dan is-servizz m'għandux jiġi provdut Għawdex ukoll? Qiegħed joħloq inkonvenjenza kbira għaliex il-piż taż- żewġ gżejjer qed jaqgħu fuq Mater Dei. Il-waiting list tkompli tiżdied u saħħet il-pazjenti tkun qiegħda fil-periklu.

## 5.4 L-ONKOLOĠIJA

L-istess jista' jingħad għal dan il-qasam. Skont il-websajt uffiċjali tal-Ministeru tas-Saħħa f'Malta, l-isptar jara 1,200 każ ġdid ta' kanċer fis-sena. Għalkemm kura kontra l-kanċer jingħata kemm lill-pazjenti Maltin, kif ukoll lill-pazjenti Għawdxin f'Sir Anthony Mamo f'Malta, għad hemm in-nuqqas ta facilita' simili f'Għawdex. Kawża ta' hekk, dawn il-pazjenti u l-familjari tagħhom ibatu ħafna mhux biss fiżikament iżda anke moralment. Kull darba li jkollhom it-trattament, il-pazjent u forsi xi qraba tagħha jridu kull darba jagħmlu l-vjaġġ bil-vapur; li mhux biss hija ta' nkonvenjenza peress jridu jħallu kollox warajhom, jitilqu mix-xogħol u jħallu l-familja warajhom, iżda din tħalli mpatt ieħor fuq saħħet il-bniedem li jrid jgħaddi minn dan il-vjaġġ. Għalkemm  l-isptar Għawdxi joffri trattament bħal dak tar-radjoterapija kontra l-kanċer, iktar apparat huwa meħtieġ sabiex ikun aktar aċċessibli għall-pazjenti Għawdxin. Għalhekk aħna nipproponu li l-qasam tal-onkoloġija f'Malta tistabbilixxi ruħha f'Għawdex ukoll.

Sakemm isir dan il-progett jista' ikun hemm qbil ma' familji maltin li jkunu lesti li jghinu lil hutna l-Ghawdxin billi jilqghuhom gewwa djarhom waqt li qed jaghmlu trattamenti daqshekk delikati u li jhallu impatt qawwi fuq is-sahha minhabba li persuna thossha ghajjiena hafna wara din it-tip ta' kura. Idealment dan is-servizz jigi estiz ghal Ghawdex halli naghmlu l-hajja ta'

dawn in-nies aktar facli u anke nnaqsulhom mill-ispejjez ghax diga jkollhom pizijiet ohra bhal xi medicina li trid tixtri ghax ma jinghatawx b’xejn. Tnaqqas ukoll l-istress min fuq il-persuna u tkun tista tistrieh fl-ambjent li thossha komda fih ,imdawwra mal-membri familjari taghha ghas-sapport , persuna meta jkollha tiddependi min haddiehor taf tkun qed tbati hafna.

# 6 KONTRIBUZZJONIJIET

- Trasport – Joseph Teuma u John Vella
- Infrastruttura – Carla Galea u Joselyn Teuma
- Ekonomija – Maria Refalo u Mario Mizzi
- Edukazzjoni – Ritianne Buhagiar, Marta Falzon u Marie Claire Mizzi
- Saħħa – Marie Claire Mizzi, Marta Falzon u Ritianne Buhagiar
- Finalizzat – Maria Refalo